Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,439, 16 ta' Mejju, 2025

Taqsima B

A.L. 91 tal-2025

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriża ta' Malta bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 463.33.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Għajnuna sabiex tappoġġa impriżi eliġibbli.

3. Fejn il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża eliġibbli teħtieġ appoġġ sabiex tikri jew takkwista postijiet industrijali għall-iżvilupp ta' attivita' ta' negozju, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi għajnuna fil-forma ta' għotja fi flus kontanti u, jew krediti ta' taxxa li ma jaqbżux il-ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż eliġibbli, skont it-termini u l- kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida. Il-Korporazzjoni għandha tikkunsidra biss għajnuna sabiex tkopri l-ispiża għall-kiri jew l-akkwist ta' postijiet industrijali meta t-talba għal appoġġ tiġi sottomessa lill-Korporazzjoni fil-parametri stabbiliti fil-Linji Gwida.".

Jissostitwixxi r-regolament 3A tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Forma ta' għajnuna.

3A. Il-valur tal-għajnuna li tingħata skont dawn ir-regolamenti għandu jkun limitat għal tliet mitt elf euro (€300,000) fuq kwalunkwe perjodu kontinwu ta' tliet (3) snin għal kull impriża. Kwalunkwe għajnuna approvata għandha tinħareġ f'ammonti ekwivalenti li ma jaqbżux il-ħamsin elf ewro (€50,000) fis-sena fuq perjodu ta' sitt (6) snin, li minnhom l-ewwel tliet (3) snin għandhom ikunu fil-forma ta' għotjiet ta' flus u t-tliet (3) snin sussegwenti fil-forma ta' krediti ta' taxxa.".